## Messaġġ taċ-Chairman




John Bonello, Chairman tal-Bank HSBC Malta p.l.c.

Is-sena 2022 rat il-bidu ta' rkupru fl-ekonomija tagħna, partikolarment fis-settur tat-turiżmu, minkejja sfidi ekonomiċi konsiderevoli li qed jippersistu internazzjonalment. L-effetti detrimentali ta' Covid-19 fil-biċċa l-kbira ġew sostitwiti minn avvenimenti ġeopolitiċi li sejrin għall-agħar, b'mod partikolari l-gwerra fl-Ukrajna, l-ispejjeż tal-enerġija, il-kwistjonijiet marbuta mal-katina tal-provvista u l-inflazzjoni. L-inċertezza għadha s-sentiment prevalenti.

It-tneħħija ta' Malta mill-hekk imsejħa 'Lista Griża' tal-FATF fi żmien qasir hi xhieda tal-impenn mill-awtoritajiet u l-komunità finanzjarja biex tindirizza n-nuqqasijiet li kienu ġew identifikati. Huwa, ovvjament, essenzjali li nibqgħu viġilanti u l-avvanzi li saru jinżammu filwaqt li l-impenn fil-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja tkompli tiżdied. M'hemmx lok għall-kompjaċenza f'dan il-qasam. Bħala HSBC se nkomplu nistinkaw biex inkunu bank sigur u konformi li jaħdem għall-ogħla standards internazzjonali filwaqt li nfittxu tkabbir sikur.

Ir-riżultati tagħna għas-sena kienu konsiderevolment aħjar mis-sena ta' qabel, l-aktar xprunati mit-tneħħija tal-ambjent tar-rata tal-imgħax negattiva u l-irkupru ta' dejn kummerċjali li konna pprovdejna għalih fis-snin ta' qabel. Ibbenefikajna wkoll mix-xogħol siewi li sar biex niristrutturaw l-operat u l-ispejjeż tagħna.

Aħna se nibqgħu wkoll għad-dispożizzjoni tal-klijenti tagħna biex ngħinu fl-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet u t-tranżizzjoni għal nett żero, hekk kif qed naħdmu biex innaqqsu l-impatt ambjentali tagħna, filwaqt li nipprovdu lis-suq b'opportunitajiet ta' investiment sostenibbli u responsabbli.

### Riżultati

Il-profitt irrappurtat qabel it-taxxa għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2022 kien ta' €57.3m. Dan jirrappreżenta żieda ta' €30.4m meta mqabbel mas-sena ta' qabel. It-titjib fil-prestazzjoni tal-bank kien xprunat minn żieda fir-rati tal-imgħax l u rkupru sinifikanti fuq self kummerċjali improduttiv li l-biċċa l-kbira tiegħu kien ipprovdutfis-snin ta' qabel. Fl-2022, ir-riżultati sottostanti tal-kumpanija tal-assigurazzjoni ġew affettwati b'mod pożittiv minn titjib fil-kurva tar-rendiment. Aħna żammejna wkoll ġestjoni effettiva tal-ispejjeż li rriżultat fi ffrankar tal-ispejjeż.

Il-profitt aġġustat qabel it-taxxa żdied għal €58.8m, jew 98% meta mqabbel mal-2021. Il-profitt aġġustat qabel it-taxxa għall-2022 u l-2021 jeskludi dispożizzjoni ta' ristrutturar ta' €1.5m u €2.8m rispettivament. Aktar dettalji dwar ir-riżultati finanzjarji jinstabu fir-rapport tal-Kap Eżekuttiv.

Il-qligħ attribwibbli lill-azzjonisti jammonta għal €37.6m, li rriżulta fi qligħ sehem b'sehem ta' 10.4 ċenteżmu meta mqabbel ma' 4.9 ċenteżmu fl-2021.

Il-proporzjonijiet tal-kapital tal-bank tjiebu marġinalment bis-CET1 li żdied minn 18.4% għal 18.5% u l-proporzjon tal-kapital totali żdied minn 21.1% għal 21.3%. Dan it-titjib kien immexxi mill-profitti għas-sena parzjalment milquta mit-tnaqqis fir-rivalutazzjoni tar-riżervi ta' €23.2m minħabba t-tnaqqis fil-prezzijiet tas-suq tal-istrumenti finanzjarji. Il-bank qed ikompli jżomm bażi kapitali b'saħħitha u huwa kompletament konformi mar-rekwiżiti kapitali regolatorji.

Filwaqt li qed inkomplu nsaħħu l-bażi kapitali tagħna, nagħrfu l-importanza tad-dividendi għall-azzjonisti tagħna. Il-Bord għalhekk irrakkomanda ħlas ta' dividend ta' 35% fuq il-profitti rrappurtati. Id-dividend gross finali se jkun ta' 5.61 fil-mija għal kull sehem (3.64 fil-mija għal kull sehem nett mit-taxxa).




Mix-xellug: Charlotte Cilia, Uffiċjal Kap Finanzjarju, John Bonello, Chairman, Simon Vaughan Johnson, Kap Eżekuttiv

## L-ambjent regolatorju

Matul l-2022, kompliet l-enfasi fuq il-ġestjoni prudenzjali tar-riskju mill-awtoritajiet regolatorji u superviżorji, b'enfasi prinċipalment fuq l-attivitajiet ta' governanza u ġestjoni tar-riskju tal-bank kif ukoll ir-riskju marbut mal-klima. Il-mudell tan-negozju tal-bank baqa' allinjat mal-prinċipju ta' tkabbir sikur, b'buffers ta' riskju prudenzjali stretti iżda aktar sikuri, u standards ta' konformità robusti.

L-impenn regolatorju mar-regolaturi prinċipali tal-bank kompla b'mod trasparenti, u kopra diversi temi u valutazzjonijiet ta' riskju inkluż ir-riskju tal-klima u l-Proċess ta' Valutazzjoni tal-Adekwazzjoni tal-Kapital Intern (ICAAP) tal-bank li twettqu bħala riżultat tas-superviżjoni diretta tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-prijoritajiet superviżorji tiegħu. Matul dan il-perjodu l-ingaġġ regolatorju kien iffukat prinċipalment fuq l-iżgurar li l-istrutturi, il-proċeduri u l-kontrolli interni ta' governanza u prudenzjali ta' ġestjoni tar-riskju jkunu qed joperaw b'mod effettiv. Din il-ħidma tkompli tkun kruċjali għall-proċess ta' evalwazzjoni superviżorja tar-regolaturi.

Il-Programm ta' Żvilupp Regolatorju tal-bank għamel progress fuq għadd ta' rekwiżiti ġodda u mtejba relatati mat-Tieni Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas ('PSD II') u r-Regolament ta' Żvelar tal-Finanzi Sostenibbli ('SFDR'). Id-Direttiva l-ġdida tal-Bank Ċentrali ta' Malta dwar l-Użu ta' Ċekkijiet u Abbozzi tal-Bank ("CBM Directive 19"), ġiet implimentata fiż-żmien stipulat fl-2022. Din id-Direttiva introduċiet sett ta' regoli u regolamenti dwar l-użu ta' strumenti bbażati fuq il-karta f'Malta biex tirregola l-użu ta' tali strumenti minħabba n-natura ineffiċjenti tagħhom, spejjeż għoljin tal-ipproċessar u riskji ta' Kontra l-Ħasil tal-Flus (AML).

Matul l-2022, il-bank baqa' f'impenn mill-qrib mar-regolaturi u l-korpi tal-industrija matul il-konsultazzjoni u l-proċessi ta' implimentazzjoni kontinwi ta' bidliet regolatorji oħra. Il-bank se jkompli josserva u jissorvelja l-iżviluppi regolatorji rilevanti kollha li ġejjin sabiex jaderixxi bis-sħiħ mal-obbligi legali u regolatorji tiegħu, u jikkontribwixxi għall-aġenda regolatorja u l-proċess ta' konsultazzjoni li qed jevolvu fil-ġurisdizzjoni Ewropea u lokali.

## Ir-responsabbiltà tagħna lejn il-komunità

Il-bank għandu rwol importanti fl-appoġġ tal-komunità permezz tal-klijenti li naqdu u l-programmi ta' responsabbiltà soċjali korporattiva attivi u espansivi tiegħu. Permezz tal-HSBC Malta Foundation , il-bank qed ifittex li jaħdem ma' bosta partijiet interessati fil-komunità bil-għan li jinħoloq futur sostenibbli. Qed nieħdu mir-riżorsi tal-Grupp HSBC u minn netwerk ta' msieħba, u qed naħdmu biex nindirizzaw problemi kritiċi f'oqsma ewlenin ta' finanzi sostenibbli, klima u ħiliet futuri. Nibqgħu impenjati wkoll li nagħmlu differenza f'oqsma oħra, bħal, iżda mhux limitati għal, l-edukazzjoni taż-żgħażagħ u l-ħarsien tal-ambjent u l-wirt tagħna. Wegħdejna appoġġ fit-tul biex ngħinu lin-nies jiksbu aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-ħiliet li jeħtieġu biex jirnexxu fil-post tax-xogħol tal-lum li qed jevolvi. F'dan il-kuntest, qed naħdmu mill-qrib ma' diversi partijiet interessati inklużi l-gvern, dawk li jfasslu l-politika, negozji lokali, karitajiet u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Aħna kburin bil-kollegi ta' HSBC li jikkontribwixxu għall-karitajiet u kawżi li għandhom għal qalbhom. F'dan ir-rigward, aħna nipprovdu lill-impjegati kollha tagħna ġurnata mħallsa biex jieħdu sahra (leave) u jwettqu xogħol ta' volontarjat fil-komunità. Qed inħeġġu wkoll lin-nies tagħna biex jieħdu rwol attiv f'inizjattivi appoġġjati mill- HSBC Malta Foundation . Barra minn hekk, il-Fondazzjoni hija grata immens għall-appoġġ u l-gwida mill-membri esperjenzati tagħnatal-Bord tal- HSBC Malta Foundation .

Matul l-2022, il-bank iffoka fuq il-ħolqien ta' dinja u soċjetà aktar sostenibbli, kemm internazzjonalment kif ukoll lokalment. Il-bank stabbilixxa serje ta' impenji biex jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni globali lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju u biex isir bank b'nett żero. Aħna impenjati li nnaqqsu l-impronta tagħna permezz tal-operat, il-katina tal-provvista u l-portafoll ta' finanzjament tagħna. Li tkun nett żero jfisser li nnaqqsu l-emissjonijiet li nżidu fl-atmosfera filwaqt li nżidu l-ammont li nneħħu, sabiex jinkiseb bilanċ li jipproteġi d-dinja, filwaqt li noħolqu ekonomija globali b'saħħitha u reżiljenti. L-għan tagħna huwa li niksbu nett żero fl-operat tagħna stess u fil-katina tal-provvista sal-2030 jew qabel; bl-użu tal-għodda tal-Valutazzjoni tat-Tranżizzjoni tal-Kapitali tal-Ftehim ta' Pariġi ('PACTA') biex jiġu żviluppati modi ċari u li jistgħu jitkejlu biex jinkiseb nett żero. Qed nagħmlu aġġornamenti regolari u trasparenti biex nikkomunikaw il-progress tagħna f'konformità mal-linji gwida stabbiliti mit-Taskforce dwar il-linji gwida ta' Żvelar Finanzjarju relatat mal-Klima. Minn qalbna inħeġġu lill-klijenti tagħna biex jagħmlu l-istess. Il-Bank HSBC Malta huwa wkoll wieħed mill-membri fundaturi tal-Malta ESG Alliance.



HSBC | Malta Foundation

HIGH 5

SCIENCE CENTRE PEMBROKE MALTA

Il- HSBC Malta Foundation tappoġġja l-isfida tal-Matematika High 5. Ir-rebbieħa tal-High 5 Junior Mathematics Challenge 2022 qed jirċievu ċ-ċertifikati tagħhom fil-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta fil-Qawra.

Bħalissa HSBC Malta Foundation qed tisponsorja żewġ proġetti kbar ta' trasformazzjoni f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi tagħha. L-ewwel proġett huwa marbut mal-Ħiliet Futuri -li għandu l-għan li jħares lejn il-ħiliet meħtieġa fil-futur tax-xogħol. Dan il-proġett ta' riċerka fuq medda ta' tliet snin għandu l-għan li jidentifika l-ħiliet meħtieġa għall-futur tax-xogħol f'Malta u li jdaħħal dawn il-ħiliet fil-kurrikulu nazzjonali. It-tieni proġett huwa marbut mal-ambizzjoni tagħna ghall-klima u l-istrateġija ta' emissjonijiet nett żero. L-għan tal-proġett huwa li jistabbilixxi r-rekwiżiti u l-linji gwida għal bini kummerċjali b'karbonju nett żero fil-kuntest Malti. Kull sena, iHSBC Malta Foundationtiddisponi parti mill-fondi tagħha għal kawżi li huma importanti għall-komunità tagħna. Matul l-2022, il-Fondazzjoni appoġġat għadd ta' proġetti fosthom il-Prince's Trust International Achieve Programme, il-Fondazzjoni JAYE Malta (Young Enterprise), il-Kamra Maltija tal-Kummerċ, il-Kamra tal-SME's, il-Fondazzjoni Malta Community Chest Fund u l-Fondazzjoni Patrimonju Malti fost oħrajn. Nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-impjegati kollha tagħna għall-appoġġ u d-dedikazzjoni tagħhom lejn dawn l-inizjattivi u proġetti għall-benefiċċju tal-komunità li naqdu.

## In-Nies Tagħna

Għal darb'oħra rrid nifraħ u nirringrazzja lill-impjegati kollha għall-isforz konsiderevoli li għamlu biex iżommu lilhom infushom u l-klijenti tagħna siguri f'dawn iż-żminijiet diffiċli. Fl-istess ħin, irrid nifraħ lill-management għat-tmexxija tagħhom f'dan ir-rigward.

Il-bank tagħna huwa mmexxi minn tim professjonali, kapaċi, u mogħni b'ħafna ħiliet. Fl-organizzazzjoni tagħna għandna x-xorti li għandna nies li huma ugwalment professjonali u kburin li huma parti minn HSBC u x'jirrappreżenta l-bank. Għalhekk nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi, f'isimkom, lin-nies tagħna kollha li jaħdmu b'diliġenza kuljum biex iwasslu s-servizzi ta' HSBC lill-klijenti tagħna f'konformità mal-ogħla standards.

## Il-Bord tad-Diretturi

Matul l-2022, kien hemm tliet bidliet fil-kompożizzjoni tal-Bord. Fis-26 ta' Ottubru 2022, il-5 ta' Diċembru 2022 u s-7 ta' Diċembru 2022, il-bank ħabbar il-ħatriet rispettivi ta' Henri Mizzi, Maria Micallef u Terecina Kwong bħala Diretturi Mhux Eżekuttivi tal-bank. Dawn il-ħatriet kienu effettivi fid-data tal-approvazzjoni regolatorja. Il-Bord tad-Diretturi tal-bank huwa magħmul minn kollegi li l-oqsma varjati ta' kompetenza u esperjenzi tagħhom jikkontribwixxu għarfien mingħajr paragun dwar l-aġendi varjati diskussi matul il-laqgħat matul is-sena, biex b'hekk jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet kollha meħuda jkunu bbażati fuq l-ogħla standards etiċi u għarfien tas-settur bankarju.

Inħossni privileġġjat li nservi bħala ċ-Chairman ta' dan il-grupp ta' nies eċċellenti. F'ismikom, irrid nesprimilhom il-gratitudni tiegħi lejhom għall-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom għall-ħidma tal-Bord.

## Ħarsa 'l quddiem

F'dawn iż-żminijiet diffiċli u inċerti, il-klijenti tagħna bla dubju se jkunu qed jeżerċitaw kawtela, kif ukoll aħna, iżda jien fiduċjuż li se jkomplu jfittxu opportunitajiet ta' investiment biex ikabbru n-negozju tagħhom u aħna se nkomplu nappoġġaw l-opportunitajiet li huma allinjati mal-valuri tagħna. Se nkomplu wkoll niprattikawil-ħila unika tagħna li ngħaqqdu kumpaniji Maltin mal-ekonomija globali.

Nikkonkludi billi nesprimi l-gratitudni tiegħi lejkom, l-azzjonisti tagħna, għall-appoġġ u l-impenn kontinwu tagħkom lejn dan il-bank. Nassigurakom li aħna kollha,  fl-HSBC Bank Malta p.l.c. se nkunu qed inkomplu nistinkaw għall-aħjar riżultati għall-investiment taghkom.

*Iffirmat minn John Bonello (Chairman) fil-21 ta' Frar 2023*